Nru./No. 18,664
Prezz/Price
€3.35

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru, 2010
Friday, 29th October, 2010

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 8945 - 8953
Government Notices ..... *8945 - 8953*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 8953 - 8961
Employment Opportunities ..... *8953 - 8961*

Avviżi tal-Gvern ..... 8962 - 8968
Notices ..... *8962 - 8968*

Offerti ..... 8969 - 8999
Tenders ..... *8969 - 8999*

Avviżi tal-Qorti ..... 9000 - 9012
Court Notices ..... *9000 - 9012*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1073

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., Ministru għal Għawdex, tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, 28 ta' Ottubru, 2010, u l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Ottubru, 2010, matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

It-28 ta' Ottubru, 2010
(OPM 1/2010/II)

Nru. 1074

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

Id-29 ta' Ottubru, 2010
(File No. L275/2010)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħal Luqa:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 69 metru twila, 1.1 metri wiesgħa u 1 metru fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 388 metru kwadru, liema għalqa tmiss mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1073

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., Minister for Gozo, assumes the additional duties of Prime Minister on Thursday, 28th October, 2010 and the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister of Foreign Affairs, assumes the additional duties of Prime Minister, with effect from Friday, 29th October, 2010, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

28th October, 2010

No. 1074

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

29th October, 2010

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Luqa:–

1. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 69 metres long, 1.1 metres wide and 1 metre deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 388 square metres, which field is bounded on the South West by a public road and on the North and on the South by property of unknown owners.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 75 metru twila, 1.1 metri wiesgħa u 1.1 metri fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,056 metru kwadru, liema għalqa tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 14-il metru twila, 1.1 metri wiesgħa u 1.0 metru fonda u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,813-il metru kwadru, liema għalqa tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanta mmarkata P.D. 2010_653, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE ABELA
President

Il-21 ta' Ottubru, 2010

Nru. 1075

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija ppubblikata skont u għall-finijiet tal-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Id-29 ta' Ottubru, 2010
(File No. L228/2010)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Skont l-artikolu 8 (1) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għandha tiġi eżaminata bil-ħsieb li possibbilment tiġi akkwistata għal skop pubbliku.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Ħal Kirkop u ż-Żurrieq:-

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 61,995 metru kwadru, li tmiss mill-Punent, min-Nofsinhar ma' triq pubblika u mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Uffiċċju Konġunt.

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 41,682 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u min-Nofsinhar ma' triq pubblika.

3. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 37,218-il metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' triq pubblika u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' sid mhux magħruf.

2. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 75 metres long, 1.1 metres wide and 1.1 metres deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 3,056 square metres, which field is bounded on the North, on the North East and on the South by property of unknown owners.

3. The mentioned subsoil rights consisting in the digging of a trench 14 metres long, 1.1 metres wide and 1.0 metre deep and laying of services for an indefinite period of time, in a field of the area of about 3,813 square metres, which field is bounded on the North East, on the North and on the South by property of unknown owners.

The above mentioned land is shown on the plan marked P.D. 2010_653, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE ABELA
President

21st October, 2010

No. 1075

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

29th October, 2010

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

In accordance with section 8 (1) of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) I hereby declare that the undermentioned land should be assessed with the intention of possibly being acquired for a public purpose.

Description of the Land

The following land at Kirkop and Żurrieq:

1. A plot of land of the area of around 61,995 square metres, bounded on the West, on the South by a public road and on the North by property of the Joint Office.

2. A plot of land of the area of around 41,682 square metres, bounded on the North, on the West and on the South by a public road.

3. A plot of land of the area of around 37,218 square metres, bounded on the North and on the West by a public road and on the South East by property of an unknown owner.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanti P.D. 2010_540 u P.D.2010_540A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

Il-21 ta' Ottubru, 2010

Nru. 1076

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skont u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

Id-29 ta' Ottubru, 2010
(File No. L11/2010)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija soġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata soġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 4 tal-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħal Għargħur, is-Swieqi u n-Naxxar:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art li jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 4,027 metru twila, inkluża 8 *ventilation shafts* u 1 *escape shaft* u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit kif murija fuq il-pjanti tal-Korporazzjoni Enemalta Ls 182009 - REV 1 u Ls 212009.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija fuq il-pjanti mmarkati P.D. 2010_549 u P.D.2010_549A, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) George Abela
President

Il-21 ta' Ottubru, 2010

The abovementioned land is shown marked with the colour red on plans P.D. 2010_540 and P.D.2010_540A, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

21st October, 2010

No. 1076

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

29th October, 2010

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Għargħur, Swieqi and Naxxar:–

1. The mentioned subsoil rights consisting for the digging of a trench 4,027 metres long, including 8 ventilation shafts and 1 escape shaft and laying of services for an indefinite period as shown on the Enemalta Corporation's plans Ls 182009 - REV 1 u Ls 212009.

The above mentioned land is shown on plans marked P.D. 2010_549 and P.D.2010_549A, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

21st October, 2010

Nru. 1077

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova r-riżenja tas-Sotto Logutenent Lawrence Zammit mill-*Active List* tal-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari), meta rriżenja, b'seħħ mill-Erbgħa, il-25 ta' Awwissu, 2010.

Is-27 ta' Ottubru, 2010
(OPM/308/1971/V)

No. 1077

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the resignation of Second Lieutenant Lawrence Zammit from the Active List of Officers of the Armed Forces of Malta (Regular Force), on resignation, with effect from Wednesday, 25th August, 2010.

27th October, 2010

Nru. 1078

AWTORITÀ TAT-TURIŻMU TA' MALTA

Direttorat tal-Infurzar

SKONT l-artikolu 12 (1) tal-Att tal-1999 dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Prim Ministru ħatar iċ-*Chairman* u l-Membri tad-Direttorat tal-Infurzar tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Ġunju 2010 u jintemm fil-31 ta' Mejju, 2011.

Il-persuni maħtura huma:

Chairman
Is-Sur Albert Muscat Inglott

Membri
Dott. Deborah Farrugia
Is-Sur Olvin Galea

Id-29 ta' Ottubru, 2010

No. 1078

MALTA TOURISM AUTHORITY

Enforcement Directorate

IN terms of section 12 (1) of the Malta Travel and Tourism Services Act of 1999, the Prime Minister has appointed the Chairman and Members of the Enforcement Directorate of the Malta Tourism Authority for the period commencing on 1st June 2010 and terminating on 31st May, 2011.

The appointed persons are:

Chairman
Mr Albert Muscat Inglott

Members
Dr Deborah Farrugia
Mr Olvin Galea

29th October, 2010

Nru. 1079

CASMA LIMITED

NGĦARRFU li l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment ħatar il-Bord tal-CASMA Limited kif ġej sat-13 ta' Ottubru, 2011:-

Chairman
Is-Sur Vincent Mifsud

Diretturi
Is-Sur Harold Walls
Is-Sur John Busuttil
Ms Claire Lateo

Id-29 ta' Ottubru, 2010

No. 1079

CASMA LIMITED

IT is notified that the Minister of Finance, the Economy and Investment has approved the appointment of the Board of the CASMA Limited up to the 13th October, 2011 as follows:-

Chairman
Mr Vincent Mifsud

Directors
Mr Harold Walls
Mr John Busuttil
Ms Claire Lateo

29th October, 2010

Nru. 1080

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'MARSASKSALA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10), il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fil-lista ta' toroq f'Marsaskala, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1080

RENUMBERING OF DOORS AT MARSASKALA

IN exercise of the powers conferred by Section 115 of the Code of Police Laws (Chapter 10), the Minister for Resources and Rural Affairs has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned list of streets at Marsaskala, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
MARSASKALA

1. TRIQ VAJRITA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq is-Salini

Left side entering from Triq is-Salini

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Restorant	1
Aquamarina (Flattijiet)	3
Josephine	5
Maghret (Flattijiet)	7
Wilfred	9
Bieb bla numru	11
Garaxx	13
St.Michael	15
Garaxx	17
Rebekka	19
St. Anna	21
Garaxx	23
Ċentru Taħriġ Adulti	25
Bieb bla numru	27
Bieb bla numru	29
Claudantel	31
Garaxx	33
Garaxx	35
Garaxx	37
Eliza Apts.	39
Bieb bla numru	41
Bieb bla numru	43
Bell'View (Flattijiet)	45
Bieb bla numru	47
Garaxx	49
Bieb bla numru	51
Garaxx	53
Bieb bla numru	55
Southern Dwellings	57
Bieb bla numru	59
Rowjam	61

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq is-Salini

Right side entering from Triq is-Salini

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
Bieb bla numru	4
Garaxx	6
Akwador (Flattijiet)	8
Garaxx	10
Joseph (Garaxx)	12
St. Michael's Flats	14
Frangejt (Garaxx)	16
Alfred	18
Sub Station	20
Sit bla bini	22-44
Daħla għall-garaxxijiet	46
Orchid (Flattijiet)	48
Silhouette	50
L'Għarix (Garaxx)	52
11, St. Jude	54
Garaxx	56
Arzella	58
Nelli	60
Garaxx	62
Garaxx	64
St. Joseph	66
Garaxx	68
Garaxx	70
The Corner	72
San Bernard	74
Bini qed jinbena	76
Garaxx	78
Garaxx	80
Mon Amour	82
Marie	84
J. D. Court	86
Garaxx	88
Ħanut	90

Nru. 1081

KORPORAZZJONI INTRAPRIŻA TA' MALTA

IL-BORD tad-Diretturi tal-Korporazzjoni Intrapriża ta' Malta jgħarraf illi f'laqgħa illi saret fl-uffiċċji tal-Korporazzjoni nhar it-Tnejn 20 ta' Settembru 2010 ġie deċiż illi, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tal-Kap. 463 tal-Liġijiet ta' Malta u skont is-setgħat mogħtija fil-Bord tad-Diretturi skont l-istess Artikolu 15, kemm-il darba ċ-*Chairman* ma jkunx f'pożizzjoni li jaġixxi bħala r-rappreżentant tal-Korporazzjoni Intrapriża ta' Malta, tali rappreżentanza tkun vestita kif ġej:

(i) Fid-Deputat *Chairman;*

jew

(ii) Fiċ-*Chief Operations Officer* tal-Korporazzjoni Intrapriża ta' Malta u f'*Chief Officer* ieħor tal-Korporazzjoni Intrapriża ta' Malta solidalment bejniethom.

Tali rappreżentanza alternattiva kif fuq definita għandha titqies illi ġiet fis-seħħ nhar it-Tnejn 20 ta' Settembru 2010 u kull riżoluzzjoni oħra (għajr dik vestita b'riżoluzzjoni tal-istess Bord tat-2 ta' Awwissu 2010 u li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Settembru 2010) illi tvesti r-rappreżentanza tal-Korporazzjoni f'persuni oħra għandha titqies bħala revokata u mingħajr effett sa mill-20 ta' Settembru 2010.

Id-29 ta' Ottubru, 2010

No. 1081

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

THE Board of Directors of the Malta Enterprise Corporation notifies that at a meeting held at the offices of the Corporation on Monday, 20th September, 2010 it was resolved that without prejudice to Article 15 of Chapter 463 of the Laws of Malta and in line with the powers vested in the Board of Directors in terms of the said Article 15, in the event that the Chairman is unable to act as the representative of the Corporation, the representation of the Malta Enterprise Corporation shall vest in either:

(i) The Deputy Chairman;

or

(ii) The Chief Operations Officer of the Malta Enterprise Corporation acting jointly with a Chief Officer of the Malta Enterprise Corporation.

The alternate representation defined above shall be effective as from the 20th September 2010 and any previous resolution (save the representation vested by the said Board by means of a resolution dated 2nd August 2010 and published in the Government Gazette of the 3rd September 2010) vesting representation in any other persons shall, as from the 20th September 2010, be revoked and have no legal effect whatsoever.

29th October, 2010

Nru. 1082

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:*-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
526	'The Rocklands` Blokk 1 Triq it-Torri Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	26/10/2010
527	'Sacro Cuor' Triq Danny Cremona Ħamrun	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	26/10/2010

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

Id-29 ta' Ottubru, 2010

No. 1082

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
526	'The Rocklands` Blokk 1 Triq it-Torri Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	26/10/2010
527	'Sacro Cuor' Triq Danny Cremona Ħamrun	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	26/10/2010

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

29th October, 2010

Nru. 1083

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007) rigward l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma tinħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni ħadet in konsiderazzjoni b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldqastant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida u l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi din l-applikazzjoni. Mill-informazzjoni li ġiet ippreżentata d-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u l-i*screening* li sar skont Skeda IB tal-istess Regolamenti, mhux probabbli li l-proposta jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: PA 00766/09
Post: Sit fl-Għammieri fil-limiti ta' Ħal Luqa
Proposta: Kostruzzjoni ta' razzett, uffiċċji, laboratorju u maħżen minflok razzett eżistenti

L-effetti potenzjali fuq l-ambjent flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) sottomessa lill-Awtorità f' 25 ta' Marzu 2010 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Studju dwar l-Impatt Ambjentali sottomessa fit-24 ta' Awwissu 2010.

No. 1083

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3 (8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007) in respect of the application mentioned hereunder, and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 00766/09
Location: Site at Għammieri l/o Luqa
Proposal: Construction of a farm, offices, laboratory, stores in lieu of the existing farm

The following potential environmental concerns were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 25th May 2010 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 24th August 2010.

Impatti potenzjali *Potential Impact*	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** *Remarks on mitigation measures, etc.*
Produzzjoni ta' skart tal-annimali	Skart iġġenerat minn attivitajiet tar-razzett ser jinġabar skont il-Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba (CoGap). L-immaniġġar tal-iskart u l-miżuri biex jittaffew l-impatti biex jipprevjenu l-kontaminazzjoni tal-ambjent tal-madwar mid-demel likwidu, ilma diżinfettant, jew skart tad-drenaġġ, se jkunu kkontrollati permezz ta' permess tal-operat.
Waste Production	*Waste generated by the proposed farm activities will be collected in line with the Code of Good Agricultural Practice (CoGap). Waste management and mitigation measures seeking to prevent the contamination of the surrounding environment through leakages or overflows of slurry, disinfectant water, or sewage waste, will be managed through an operational permit.*

Kwalità tal-arja,	L-irwejjaħ li x'aktarx ikunu ġġenerati mill-operat tar-razzett se jittaffew kemm permezz tal-użu ta' ċmieni u arja ventilata artifiċjalment, kif ukoll billi d-demel likwidu se jkun mgħoddi direttament għal ġot-tankijiet. Din il-proċedura tfittex li tnaqqas l-emissjonijiet fl-arja meta t-tankijiet tad-demel likwidu jkunu qed jitbattlu, darba kull ġimagħtejn. Emissjonijiet oħra x'aktarx li jkunu insinifikanti, peress li qed jiġu proposti miżuri ta' kontroll apposta. L-immaniġġar tal-iskart u l-miżuri biex jittaffew l-impatti ta' rwejjaħ se jkunu kkontrollati permezz ta' permess tal-operat.
Air Quality, including Odours	*Any odours likely to be generated by the operation of the proposal will be mitigated through the use of chimneys, artificially ventilated air and direct channelling of slurry to the slurry tanks. This procedure seeks to limit air emissions when the slurry tanks are emptied, once every two weeks. Additional emissions are likely to be insignificant, and this due to the application of proposed control measures. Waste management and mitigation measures to ensure the mitigation of odour emissions, will be managed through an operational permit.*
Impatti fuq użu ta' art ta' madwar	Mhux probabbli li l-emissjonijiet ta' arja, dawl, u storbju jkollhom effett sinifikanti fuq iż-żona residenzjali peress li se jkunu adottati prattiċi stabbiliti għall-operat tal-irziezet skont il-linji gwida uffiċjali (eż. Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba) u proċeduri oħra operattivi. Iż-żewġ siti huma diġà użati għall-biedja, u l-proġett propost ifittex li jtejjeb il-faċilitajiet għall-immaniġġar tal-iskart marbutin mar-razzett, sabiex b'hekk jitnaqqsu l-inkonvenjenti potenzjali.
Impacts on adjacent land uses	*Any air, light and noise emissions are not likely to have a significant effect on the residential area given that standard farm operational practices will be adopted in accordance with the set guidelines (e.g. Code of Good Agricultural Practice) and other standard procedures, and given that both sites are already committed to farming activity, and the proposed project seeks to improve the waste management facilities supporting the farm, thus reducing potential nuisances.*
Storbju u vibrazzjonijiet	L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma ta' natura temporanja. Meta jitqies l-użu industrijali tal-artijiet ta' madwar, u ġaladarba mhu se jkun permess ebda xogħol matul il-lejl, mhux previst li dawn l-impatti se jkunu sinifikanti.
Noise and Vibrations	*Noise and vibrations during construction are of a temporary nature. Given the mixed industrial nature of the surrounding land uses, and considering that no work will be permitted during the night, such impacts are not envisaged to be significant.*

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieg biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

Id-29 ta' Ottubru, 2010

29th October, 2010

Nru. 1084

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold* *Grams*	*Pure Silver* *Grams*
29. 10. 10	€31.311	€0.580

Id-29 ta' Ottubru, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

II-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta':

Business Development Manager (MPO/205/2005/31) Permess tal-ETC Nru. 17/2010)

Ħtiġiet:

Tal-anqas, l-applikanti għandu jkollhom:

L-ewwel lawrja fil-*Business* jew *Administration* jew *Management* jew *Marketing* jew Inġinerija jew *Finance*, u

Tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol fil-*Management* jew *Administration*.

L-applikanti li jkollhom lawrja ta' wara l-gradwazzjoni jingħataw preferenza.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-MCAST mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-15 ta' Novembru, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-*Campus* Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur Amministrattiv, fl-indirizz imsemmi hawn taħt:

MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.

No. 1084

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

29th October, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Business Development Manager (MPO/205/2005/31) (ETC Permit No. 17/2010)

Requirements:

As a minimum, applicants should be in possession of:

A first degree in Business or Administration or Management or Marketing or Engineering or Finance, and

Three (3) years work experience in Management or Administration.

Applicants in possession of a second degree will be favourably considered.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 15th November 2010 at noon.

Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to the Administrative Director at the address below:

MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032,

Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Id-29 ta' Ottubru, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

II-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjoni biex jingaġġa *lecturers* fil-qasam li ġej:

Agricultural Sciences (Permess tal-ETC Nru. 204/2010)

Ħtiġiet:
L-applikanti għandu jkollhom:
L-ewwel lawrja f'qasam rilevanti
jew
Kwalifiki vokazzjonali rilevanti f'livell 5 jew ogħla skont il-Kunsill ta' Malta dwar il-Kwalifiki, u tal-anqas ħames snin esperjenza industrijali jew ta' tagħlim rilevanti. L-esperjenza fit-tagħlim għandha tkun f'livell sekondarju jew ogħla.

Il-kandidati magħżula jkunu mistennija jgħallmu xjenzi agrikoli, inklużi nutrizzjoni, leġislazzjoni u regolamenti, u trobbija tal-annimali u ġestjoni/produzzjoni tal-uċuħ u *modules* oħra ta' suġġetti relatati.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, il-15 ta' Novembru, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur Amministrattiv, fl-indirizz imsemmi hawn taħt:

MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Id-29 ta' Ottubru, 2010

Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316;
www.mcast.edu.mt

Late or incomplete applications will not be considered.

29th October, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit lecturers in the following area:

Agricultural Sciences (ETC Permit No. 204/2010)

Requirements:
Applicants must be in possession of:
A relevant first degree
or
Relevant vocational qualifications at level 5 or above according to the Malta Qualifications Council, and at least 5 years relevant and appropriate industrial or teaching experience. Teaching experience must be at secondary level or higher.

Successful candidates will be expected to teach agricultural sciences, including nutrition, legislation and regulations, and animal husbandry and crop management/ production and other subject related modules.

Prospective candidates are invited to submit the completed College Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 15th November 2010 at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to the Administrative Director at the address below:

MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032,
Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316;
www.mcast.edu.mt

Late or incomplete applications will not be considered.

29th October, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

II-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta':

Purchasing and Procurement Manager (MPO/205/2005/23) (Permess tal-ETC Nru. 201/2010)

Ħtiġiet:

L-applikanti għandu:

Ikollhom l-ewwel lawrja Universitarja rikonoxxuta jew kwalifika professjonali komparabbli ekwivalenti fil-*Business* jew Amministrazzjoni Pubblika jew fl-*Accountancy* jew *Finance* jew Loġistika;

ikunu jafu sew ir-regolamenti dwar l-akkwisti tal-Gvern.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, it-8 ta' Novembru, 2010.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-*Campus* Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Id-29 ta' Ottubru, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of:

Purchasing and Procurement Manager (MPO/205/2005/23) (ETC Permit No. 201/2010)

Requirements:

Applicants should:

be in possession of a recognized first degree or a comparable equivalent professional qualification in Business or Public Administration or Accountancy or Finance or Logistics;

have a sound knowledge of Government procurement regulations.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST Application Form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 8th November 2010 at noon.

Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to:

The Administrative Director,
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032,
Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316;
www.mcast.edu.mt

Late or incomplete applications will not be considered.

29th October, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

II-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet mingħand *lecturers* fil-qasam li ġej:

Sports (Permess tal-ETC Nru. 200/2010)

Il-kandidati għandu jkollhom:
B.Ed. (Hons) degree fil-*Physical Education*
jew
BA/BSc fl-Isports

Kandidati prospettivi huma mistiedna li jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ mimlija kif suppost, flimkien mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, it-8 ta' Novembru, 2010.

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit lecturers in the following area:

Sports (ETC Permit No. 200/2010)

Candidates should be in possession of a:
B.Ed. (Hons) degree in Physical Education
or
BA/BSc in Sports

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 8th November 2010 at noon.

L-applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-*Campus* Prinċipali tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lil:

Id-Direttur Amministrattiv,
MCAST Main Campus,
It-Telgħa ta' Kordin,
Paola PLA 9032.
Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316
website: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard u mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Id-29 ta' Ottubru, 2010

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Uffiċjal tal-Proġetti
INCLUDE-ED
Focusing on the Social Cohesion and Education

Dipartiment tal-Edukazzjoni Primarja

Jinħtieġ Uffiċjal tal-proġetti biex jaħdem fuq bażi *full-time* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni Primarja fil-Fakultà tal-Edukazzjoni, biex jaħdem fuq il-proġett FP6 INCLUDE-ED li jiffoka fuq is-*Social Cohesion and Education,* u kif ikun meħtieġ mill-Università. Dan il-post huwa sal-31 ta' Ottubru 2011.

2. Applikanti jrid ikollhom kwalifiki akkademiċi rilevanti, kwalifiki fl-edukazzjoni jew xjenzi soċjali u preferibbilment esperjenza teknika u fir-riċerka. Preferenza tingħata lill dawk il-kandidati li għandhom kwalifiki fil-*Masters*.

3. Il-salarju ta' dan il-post huwa ta' €18,334 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae* u kopja waħda taċ-ċertifikati lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa, it-3 ta' Novembru 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Id-29 ta' Ottubru, 2010

Applications, which are available online and from the MCAST Human Resources Office, are to be addressed to:

The Administrative Director
MCAST Main Campus,
Corradino Hill,
Paola PLA 9032,
Tel: 2398 7100,
Fax: 2398 7316;
www.mcast.edu.mt

Late or incomplete applications will not be considered.

29th October, 2010

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Project Officer
INCLUDE-ED
Focusing on the Social Cohesion and Education

Department of Primary Education

A Project Officer is required to work on a full-time basis with the Department of Primary Education in the Faculty of Education, to work on the FP6 project INCLUDE-ED focusing on the Social Cohesion and Education, and as may be required by the University. This post is up to 31st October 2011.

2. Candidates should be in possession of a relevant academic qualification in education or social sciences and preferably research and technical experience. Due preference will be given to those candidates who are in possession of a Masters qualifications.

3. The post carries a salary of €18,334 per annum.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae and one set of copies of their certificates to:-

Director for Human Resources
Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Wednesday, 3rd November 2010.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for the Human Resources Management and Development, Room 214, Administration Building or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

29th October, 2010

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Uffiċjal tal-Proġett

Innovative Fibre Reinforced Composites Designed for Higher Structure Performance – FiReComp
Dipartiment tal-Inġinerija Mekkanika
Fakultà tal-Inġinerija

Uffiċjal tal-Proġetti huwa meħtieġ biex imexxi riċerka fil-*Fibre-Reinforced Composites* li huwa parti mill-Kunsill Malti tax-Xjenza u Teknoloġija (MCST) minn proġett iffinanzjat Riċerka u Innovazzjoni, proġett imsejjaħ *'Innovative Fibre Reinforced Composites Designed for Higher Structure Performance – FiReComp'*. Min jinħatar ikun mistenni li jaħdem fuq bażi *full-time* fid-Dipartiment tal-Inġinerija Mekkanika b'kollaborazzjoni ma' msieħba industrijali u d-Dipartiment tal-Metallurġija u Inġinerija tal-Materjali fi ħdan il-Fakultà tal-Inġinerija. Dan il-post qed jiġi offrut għal perjodu ta' sentejn.

2. L-applikanti jrid ikollhom jew fil-proċess li jiksbu B.Eng (Hons) fil-*Mechanical Engineering Stream*. Preferenza tingħata lill-kandidati li jkollhom esperjenza akkademika u/jew xogħol f'dawn l-oqsma: il-mekkanika strutturali bl-użu tal-analażi tal-*finite elements,* ittestjar ta' materjal ta' strutturi tal-*composites* u/jew manifattura teknoloġika tal-*fibre-reineforced composites*.

Il-kandidat li jintgħażel ikun eliġibbli u inkoraġġit jagħmel *post-graduate research degree*.

3. Il-salarju ta' dan il-post huwa ta' €16,330.64 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, it-2 ta' Novembru 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Id-29 ta' Ottubru, 2010

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Project Officer

Innovative Fibre Reinforced Composites Designed for Higher Structure Performance – FiReComp
Department of Mechanical Engineering
Faculty of Engineering

A Project Officer is required to conduct research in Fibre-Reinforced Composites as part of a Malta Council for Science and Technology (MCST) Research and Innovation funded project titled 'Innovative Fibre Reinforced Composites Designed for Higher Structural Performance – FiReComp'. The successful candidate will be required to work on a full-time basis with the Department of Mechanical Engineering, in collaboration with industrial partners and the Department of Metallurgy and Materials Engineering within the Faculty of Engineering. The post is offered for a period of two years.

2. Applicants must be in possession, or about to complete a B.Eng (Hons) degree in the Mechanical Engineering Stream. Preference will be given to candidates who have academic and/or work experience in any or all the following fields: structural mechanics using finite elements analysis, material testing of composite structures and/or fibre-reinforced composite manufacturing technologies.

The successful candidate will be eligible and encouraged to enroll and conduct a post-graduate research degree.

3. The post carries an annual salary of €16,330.64.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates:-

Director for Human Resources Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Tuesday, 2nd November 2010.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 214, or from the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

29th October, 2010

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Assistent tal-Proġetti

Innovative Offshore Wind Turbine Support Structure for Deep-Water Application in the Maltese Islands
Dipartment tal-Inġinerija Mekkanika
Fakultà tal-Inġinerija

Jinħtieġ Assistent tal-Proġetti biex imexxi riċerka fid-Dipartiment tal-Inġinerija Mekkanika li hija parti minn proġett iffinanzjat mill-MCST R&I, bil-kollaborazzjoni ta' msieħba industrijali fl-Industrija tar-*Renewable Energy.* Dan il-proġett huwa għal perjodu ta' sentejn.

Il-kandidati jkollhom il-possibbiltà li jgħaqqdu x-xogħol bil-programm tal-istudji tal-*post-graduate* għall-għoti ta' wieħed minn dawn li ġejjin: Masters bir-Riċerka (Msc.), M.Phil jew grad fid-Dottorat (Ph.D.).

2. L-applikanti jrid ikollhom, jew fil-proċess li jiksbu B.Eng (Hons). fil-*Mechanical Engineering Stream.* Preferenza tingħata lill-kandidati li jkollhom esperjenza akkademika u/jew xogħol f'dawn l-oqsma: il-mekkanika strutturali bl-użu tal-analażi tal-*finite elements, fluids dynamics,* strutturi *off-shore* u/jew teknoloġija fl-inġinerija tar-riħ.

3. Il-salarju ta' dan il-post huwa ta' €16,400 fis-sena.

4. Il-kandidati għandħom jibagħtu ittra tal-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae,* kopja waħda taċ-ċertifikati lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani
Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta, it-2 ta' Novembru 2010.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 214, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website:* (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

Id-29 ta' Ottubru, 2010

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Project Assistant

Innovative Offshore Wind Turbine Support Structure for Deep-Water Application in the Maltese Islands
Department of Mechanical Engineering
Faculty of Engineering

A Project Assistant is required to conduct research in the Department of Mechanical Engineering as part of an MCST R&I funded project, in collaboration with industrial partners in the Renewable Energy Industry. This project is for a period of two years.

Candidates will have the possibility to combine their work with a program of post-graduate studies for the award of one of the following Degrees: Masters by Research (MSc.), M.Phil or Docotral degree (Ph.D.).

2. Candidate must be in possession, or about to complete, a B.Eng. (Hons) degree, in the Mechanical Engineering Stream. Preference will be given to candidates who have academic and/or work experience in any or all of the following fields: structural mechanics using finite element analysis, fluid dynamics, off-shore structures and / or wind energy technologies.

3. The post carries an annual salary of €16,400.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates to:-

Director for Human Resources Management and Development
Room 214, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Tuesday, 2nd November 2010.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resoruces Management and Development, Room 214, Administration Building or on the website: (http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies).

29th October, 2010

DIRETTORAT TA' SERVIZZI EDUKATTIVI

Ingaġġ ta' *Part-Time Cleaners*
fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi

(Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil)

Id-Direttur Ġenerali għal Servizzi Edukattivi tgħarraf illi qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand persuni interessati sabiex jidħlu f'ordni tal-meritu ta' persuni eliġibbli biexjiġu impjegati bħala *Cleaner* fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet fl-iskejjel imsemmija:

Kulleġġ Santa Klara Junior Lyceum tal-Bniet Pembroke u San Miguel Skola Speċjali, Pembroke;

Kulleġġ San Injazju Junior Lyceum tal-Bniet Blata l-Bajda u Skola Sekondarja tas-Subien Tal-Ħandaq, Ħal Qormi;

Kulleġġ San Ġorġ Preca, Junior Lyceum tas-Subien (Brighella) il-Ħamrun

2. L-ordni tal-mertu tiġi ppubblikata wara li l-applikanti eliġibbli jiġu intervistati sabiex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-Post ta' *Part-time Cleaners*.

3. L-ordni tal-mertu finali jibqa' validu għal perjodu ta' sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

4. *Part-time Cleaners* ikunu ingaġġati fuq kuntratt fiss ta' perjodu ta' 36 xahar kalendarju. Waqt il-vaganzi tas-Sajf tal-Iskola, l-ingaġġ jiġi sospiż għall-perjodu kollu jew xi parti minnu.

5. Il-kandidati li jintgħażlu bħala *Part-time Cleaners*, normalment huma mistennija jaħdmu mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn sagħtejn u tliet sigħat kuljum. *Part-time Cleaners* jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu jew waqt il-ħinijiet normali tal-iskola jew wara l-ħin tal-iskola skont kif jiddeċiedi l-Kap tal-Iskola. Il-*Part-time Cleaners* jistgħu jiġu ttrasferiti għall-skejjel oħra fl-istess Kulleġġ u għall-skejjel oħra ġo Kulleġġi oħra skont il-ħtiġiet tal-ġurnata.

6. Il-ħlas ikun bir-rata ta' €4.15 għal kull siegħa maħduma. Il-*Part-Time Cleaners* ikunu intitolati kemm għall-bonus annwali u kemm għall-*income supplement* ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi pro-rata skont in-numru ta' sigħat maħduma.

Bis-saħħa taċ-Ċirkolari Nru. MPO 107/2007 u l-Avviż Legali Nru. 46/2007, li jagħmel l-Avviż Legali Nru. 427/2002 applikabbli għas-Servizz Pubbliku, il-*Part-time Cleaners* m'għandhomx jiġu ttrattati anqas favorevolment

DEPARTMENT OF EDUCATIONAL SERVICES

Engagement of Part-Time Cleaners
in the Directorate for Educational Services

(Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender)

The Director General for Educational Services notifies that applications are being accepted from interested persons who would like to be placed on an order of merit of successful applicants for engagement as a part-time Cleaner at the following Schools:

St Clare College Girls' Junior Lyceum Pembroke and San Miguel Special School, Pembroke;

St Ignatius College Girls' Junior Lyceum Blata l-Bajda and Boys' Secondary School Tal-Handaq, Qormi;

St Gorg Preca College Boys' Junior Lyceum (Brighella) Hamrun

2. The final order of merit will be published after all eligible applicants are interviewed to assess their suitability for the post of Part-time Cleaner.

3. The order of merit will remain valid for a period of two (2) calendar years from the date of publication of the final result.

4. Part-time Cleaners are engaged on a 36-(calendar) month fixed term contract. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the school summer holidays.

